# KEMM NAFU DWAR IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI?

Huwa fatt li, iktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed jiżdied dak li jafu ċ-ċittadini Ewropej dwar l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan ukoll kien żvelat fl-aħħar rapport tal-Ewrobarometru dwar il-Kumitat tar-Reġjuni. Din l-istituzzjoni twaqqfet fl-1994 u tinsab ġewwa Brussell, ftit metri 'l bogħod mill-bini tal-Kummissjoni Ewropea. F'dawn l-aħħar 15-il sena, il-Kumitat tar-Reġjuni żied fil-popolarità tiegħu, madanakollu għad hemm ħafna lok għal titjib.

Dan ir-rapport juri kif kważi kwart ta' dawk li rrispondew għal mistoqsijiet ta' dan l-istħarriġ huma konxji bl-eżistenza ta' din l-istituzzjoni. Min-naħa l-oħra iktar minn nofs dawk li rrispondew urew li ma jafux x'inhu r-rwol prinċipali tal-Kumitat u għalhekk hemm bżonn ta' aktar informazzjoni dwar il-ħidma tiegħu għaċ-ċittadini Ewropej. Ta' min jgħid ukoll li kienu 18% li stqarrew li qatt ma kienu semgħu bil-Kumitat tar-Reġjuni qabel ma wieġbu għall-mistoqsijiet. Fl-2007, f'għeluq il-50 anniversarju tal-Unjoni Ewropea, il-mexxejja tas-27 pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea qablu li x-xogħol tal-UE għandu jkun imqassam bejn l-UE nnifisha, l-istati membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali.

Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu l-għan li r-rappreżentanti lokali u fuq livell reġjonali jkollhom sehem fit-tfassil tal-liġijiet il-ġodda tal-UE u jagħmel osservazzjonijiet li jkunu konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan ifisser li t-tmexxija u proposti għal deċiżjonijiet ġodda jkunu kkunsidrati u jitwettqu wkoll minn awtoritajiet lokali li mbagħad jitilgħu fuq livell nazzjonali u anke fuq dak Ewropew. Permezz ta' dan, is-sehem taċ-ċittadin għandu jkun iktar dirett. Madankollu wieħed jinnota wkoll li l-maġġoranza tal-Ewropej iħossu li huma l-awtoritajiet nazzjonali l-iktar li jagħmlu impatt fuq il-kundizzjonijiet tal-mod kif jgħixu, milli l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Din tinħass l-iktar fl-Istati Membri ż-żgħar. Fosthom insibu lil Malta li tikklassifika fit-tielet post.




Ma jonqosx ukoll il-fatt li l-maġġoranza tal-Ewropej iħossu li l-awtoritajiet lokali ma jiġux ikkonsultati biżżejjed fid-diskussjonijiet dwar proposti u regolamenti ġodda.

Dan l-istħarriġ serva wkoll ta' xprun biex il-Kumitat tar-Reġjuni jkompli jaħdem biex jilħaq il-miri primarji tiegħu. Fil-fatt kienu iktar minn 52% li wieġbu li jkunu interessati li jirċievu iktar informazzjoni dwar il-membri tal-Kumitat, kif ukoll dwar ir-rwoli ewlenin ta' din l-istituzzjoni.



***Minn Brenda Azzopardi***
*MEUSAC*

Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*